**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Mejju, 2017

Rikors numru :2/17 AL

ADB

Vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fis-sitta u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u sitta (26.06.2006) skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness (Dok. A);

Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom wild wiehed li huwa minorenni ta' sbatax (17) –il sena;

Illi l-kondizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju elenkati fl-Art 66B u 66D tal-Kap 16 huma sodisfatti stante :

- Illi l-partijiet ilhom de facto separati mis-sena elfejn u sitta (2006) u legalment separti b'kuntratt redatt min-Nutar Dr. Joseph Smith La Rosa tal-erbgha u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (24.11.2016)(Dok. B);
- Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom de facto separati ghal aktar minn disa` (9) snin u li llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
- Illi l-intimat obbliga ruhu fil-kuntratt ta' separazzjoni li jmantni lir-rikorrent ghall-bzonn tal-wild minorenni tieghu u hekk ghamel b'mod regolari minn meta il-partijiet kienu de facto separati.

Illi ai fini tal-Art 66N (1) (a) u (b) jigi dikjarat li l-partijiet huma domiciljati f'Malta u jghixu Malta.

Talbet ai termini tal-Art 66A tal-ligijiet ta' Malta l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1.Tippronunzja l-hall taz-zwieg li sar bejn il-partijiet fis-sitta u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u sitta (26.06.2006);

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Jannar, 2017;

Semghet lill-intimat, prezenti fl-awla jiddikjara illi jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati mis-sena 2006 u legalment separati mill-24 ta' Novembru 2016;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.